## Kapitlu 1

"Maria," għajtet Josette lil bintha, "mur ara min ġie għax ċemplet il-qanpiena tal-bieb ta' barra." "Min jaf min ġie dal-ħin!" gergret bejnha u bejn ruħha, "Għadhom lanqas daqqu t-tmienja!" Kompliet tippettna xagħarha tistenna lil bintha tgħidilha min kien ġie.

Inħasdet xħin feġġet quddiemha bintha Maria tonfoħ bi qtugħ ta' nifs billi kienet telgħet it-taraġ f'nifs wieħed.

"Xi ġralek binti?" staqsietha ommha maħsuda, hekk kif ratha mifluġa quddiemha.

"Ma, hemm żewġ pulizija jridu jkellmuk," qaltilha Maria bejn nifs u ieħor.

"Madonna Santa! Xi nqala' dalgħodu!" esklamat Josette. "Qalulek xi jridu?" Mingħajr ma stenniet tweġiba tat ħarsa lejn il-mera, waddbet libsa fuqha billi kien għadha bil-ħwejjeġ ta' taħt, u niżlet it-taraġ tnejn tnejn.

"Iva ħallietkom barra t-tifla! Għaddu għaddu. X'ġabkom hawn dalgħodu?" staqsiethom b'qalbha tferfer għax il-pulizija ma jmorrux għand in-nies dal-ħin biex jagħtuhom xi aħbar tajba.

Is-surġent u l-pulizija daħlu fl-intrata.

"Sinjura," beda s-surġent, "jiddispjaċina ninfurmawk, sinjura ..."

"Xi nqala' dalgħodu, surġent?" qatgħetlu kliemu Josette, b'ħarsa ta' biża' fuq wiċċha.

"Sinjura, is-Sur Micallef kellu inċident bil-karozza, tilef il-kontroll u spiċċa f'għalqa," qalilha fil-qasir kemm jista' jkun is-surġent għax ħassu imbarazzat jagħtiha aħbar ħażina bħal din.

“X’waħdadin! Miet?” staqsiet imbeżżgħa b’idejha t-tnejn ma’ wiċċha.

“Le, sinjura, għadu ħaj. L-ewwel persuna li ndunat bl-inċident ċemplet għall-ambulanza u lilna. L-ambulanza ħaditu l-isptar Mater Dei. L-aħħar informazzjoni li daħlitilna kienet li qiegħed f’koma.”

“Madonna Santa, x’waħda ġratilna! Kien ili ngħidlu biex ma jsuqx iżjed għax kienet ta’ spiss tinżillu l-pressjoni u kien jistordi.”

“Jekk nistgħu ngħinuk f’xi ħaġa toqgħodx lura milli tgħidilna, sinjura,” offrielha s-surġent.

“Grazzi surġent.”

“Ħa nħallu sinjura ħalli tmur l-isptar. Saħħa u bħalma ġa għedtlek, jekk ikollok bżonn xi ħaġa għarrafna. Saħħa.”

“Saħħa surġent, u grazzi.”

Hekk kif is-surġent u l-pulizija ħarġu barra, Josette għalqet il-bieb warajhom u daret biex issejjaħ lil bintha Maria. Imma ma kellhiex għalfejn issejħilha għax bintha kienet fit-tarf tat-taraġ b’ħalqha miftuħ mistagħġba u mbeżżgħa b’dak li kienet għadha kemm semgħet minn fomm is-surġent.

“Isa Maria, ejja nċemplu lil ħutek ħalli navżawhom bil-papà,” qaltilha hi u miexja b’pass mgħaġġel lejn is-salott fejn kien hemm it-telefown. Maria daħlet warajha fis-salott hekk kif ommha kienet diġà bdiet tiddalja l-ewwel telefonata.

L-ewwel li ċemplet kien lit-tifel il-kbir, Matthew, li kien miżżewweġ. Imbagħad ċemplet lil Stephanie li kienet miżżewġa wkoll. Fl-aħħar nett ċemplet lil Luke li kien għadu kif telaq għall-Università.

“Maria mur illesti malajr ħalli tiġi miegħi l-isptar,” qalet fl-aħħar lil bintha hekk kif poġġiet it-telefown f’postu.

Josette reġgħet telgħet fil-kamra tal-banju biex filwaqt li Maria ġriet lejn kamritha biex tbiddel ħalli tmur m’ommha l-isptar. F’inqas minn għaxar minuti minn xħin is-surġent kien tahom l-aħbar ta’ żewġha, Josette, u Maria magħha, kienu fi triqithom lejn l-isptar.

Xħin daru mar-roundabout ta’ qabel il-parkeġġ ta’ taħt l-art

lemħu l-karozza ta' Matthew. Niżlu fil-parkeġġ kważi wara xulxin, b'Josette ssegwi lil Matthew biex tipparkja fl-istess sular fejn jipparkja hu ħalli jidħlu l-isptar flimkien. Kienet ħadet ir-ruħ xħin rat lil binha għax hu kien isib malajr fejn kien żewġha u għalkemm ma kinitx waħedha, il-preżenza ta' Matthew kienet tagħmlilha kuraġġ iżjed minn dik ta' Maria, li kien għad għandha biss sbatax-il sena.

Matthew induna bil-karozza t'ommu u hekk kif ħareġ mill-karozza tiegħu u sabbat il-bieba u għalaqha bir-remote control, mexa għall-karozza t'ommu. Fetħilha l-bieba.

"Xi nqala', ma?" staqsieha ħerqan qabel laħqet ħarġet mill-karozza.

"Ma nafx Matthew. Kulma naf hu dak li qalli s-surġent. Il-papà tilef il-kontroll tal-karozza u spiċċa f'għalqa. Qalli li jinsab f'koma," irrispondietu hi u ħierġa mill-karozza.

"Miskin il-papà!" tniehdet Maria kif waslet ħdejhom, "Allaħares imutilna!" Id-dmugħ beda nieżel ma' ħaddejha.

"Tibdiex tinfaxxa rasek qabel taqsamha," qalilha b'leħen ta' kuraġġ ħuha Matthew. "Issa mmorru ħdejh u naraw x'jgħidulna t-tobba." U b'dan il-kliem imxew it-tlieta flimkien lejn il-lift b'kurżità u biża' fuqhom ma jafux x'kien hemm jistenniehom ftit metri 'l bogħod minn fejn kienu bħalissa.

Ma damux ma waslu fil-parti tal-isptar fejn kien jinsab ir-raġel ta' Josette. Laqagħhom tabib u infurmahom, jindirizza lil Josette, meta qalulu li kienet mart il-pazjent, li żewġha kienu ġabuh barra minn sensih u issa kienu qed isirulu dak kollu li hemm bżonn isir.

"X'riżultati għandkom, Dott?" kien pront staqsa Matthew.

"Għadu kmieni biex inkunu nafu, u sakemm jibqa' fil-koma ma nistgħux nagħmlu ċerti testijiet. Imma rridu naċċertaw ruħna li m'għandux emoraġija interna f'rasu," kompla jispjegalhom it-tabib.

Sadattant waslet ukoll Stephanie ma' żewġha Andrè.

"Kif inhu l-papà, mamà?" kienet pronta staqsiet Stephanie hekk kif waslet ħdejhom.

"It-tabib qed jgħidilna li għadhom qed jagħmlulu t-testijiet," irrispondietha turi b'subgħajha t-tabib li kien magħhom.

"Jgħaddilu, Dott?" staqsietu hi u tieħu nifsijiet qawwija minħabba l-ġirja li ħadet biex waslet hemm.

"Nistennew ftit sakemm nagħmlu dak kollu li għandna nagħmlu. Xħin ikollna r-riżultati ninfurmawkom," weġibha. "Issa jekk tippermettuli mmur inkompli mat-tobba l-oħra."

"Kompli Dott, kompli. Grazzi ta' kollox," qaltlu Josette.

"Jekk ikollkom xi riżultati jekk jogħġbok għidilna Dott," talbu Matthew.

"Mela le, niġi fil-pront," qallu t-tabib filwaqt li skuża ruħu mill-ġdid u daħal ġewwa.

"X'waħdadin x'biċċa ġratilna!" bdiet tingħi Josette hekk kif ilkoll poġġew bilqiegħda fuq is-siġġijiet li kien hemm f'dik il-waiting room.

Lanqas laħqu poġġew bilqiegħda li ma jarawx ġej jiġri lil Luke. Lanqas tawh ċans jistaqsi d-domandi għax qalulu mal-ewwel dak kollu li kienu jafu huma s'issa. Luke, wara li sema' kollox, poġġa bilqiegħda ħdejhom, għadu jonfoħ mill-ġirja li kien għadu kemm ħa.

Billi dak il-ħin ma kienx il-ħin tal-visti, ħadd ma kien hemm ħliefhom fil-waiting room. Waqa' skiet taqtgħu b'sikkina. Min jaf kemm ħsibijiet għaddew minn moħħhom fis-sikta li kienu fiha!

## Kapitlu 2

Kienu diġà daqqu s-siegħa xħin il-familja kollha rritornat lejn id-dar ta' Josette. Stephanie waslet l-aħħar billi żewġha kien avukat u ma setax jitlaq mill-Qorti qabel intemmet is-seduta li fiha kien qed jiddefendi klijent minn tiegħu. Flok fis-salott, qagħdu lkoll fil-kċina fejn kienu jiltaqgħu f'laqgħat familjari bħal din jew meta jkollhom ħbieb intimi.

Ir-riżultat aħħari li kienu ħadu mill-isptar kien li missierhom kien baqa' f'koma u t-tobba ma setgħu jagħmlulu xejn qabel ma joħroġ minnha. Meta kienu staqsew kemm seta' jdum f'dik il-koma, it-tabib weġibhom li diffiċli tgħid.

"Imma lanqas bejn wieħed u ieħor ma tista' tgħidilna?" kien staqsieh Matthew.

"Ma tistax tgħid," kien weġibhom it-tabib. "Hemm min dam ftit jiem, min dam xhur u min dam snin."

"Imma darba jew oħra joħroġ minnha, hux Dott?" kienet staqsiet Josette.

"Aħna hekk naħsbu imma ħadd ma jista' jassigurakom mija fil-mija," reġa' wieġeb it-tabib.

"X'jiġifieri, jista' jmut?" kienet pronta Stephanie.

"Le, le m'iniex ngħid hekk, imma assigurazzjoni ma nistax nagħtikom."

Għal dan il-kliem ilkoll inħasdu u Maria nfexxet tibki.

"Le sinjorina," kien pront it-tabib, "il-każijiet li pazjenti jintilfu f'koma u ma jqumux minnha huma rari ħafna u għandna tama qawwija li l-papà tiegħek ma jkunx wieħed minnhom."

Kulħadd beża' jistaqsih jekk jistax jibqa' mmankat għal għomru jew agħar, jibqa' f'koma għal ħajtu kollha.

Josette, b'demgħa fuq wiċċha, kienet poġġiet idha l-leminija madwar spallejn Maria u ġibditha lejha biex tagħmlilha l-kuraġġ għax kienet taf kemm kienet tħobbu lil missierha. Billi kienet iż-żgħira, u kienet ħames snin iżgħar minn ħuha ta' qabilha, Luke, kienet il-fessuda ta' kulħadd imma l-iżjed ta' missierha.

Wara li kien qalilhom dan kollu, it-tabib kien ħeġġiġhom biex imorru d-dar billi ma setgħu jagħmlu xejn fl-isptar. Josette rringrazzjatu u lkoll flimkien ħarġu bil-mod u b'qalb sewda. Qabel ħarġu mill-isptar raw xħin kienu l-ħinijiet tal-viżti.

"X'biċċa ġratilna, x'waħdadin!" bdiet tingħi Josette, bid-dmugħ ħiereġ minn għajnejha, hekk kif poġġew ilkoll madwar il-mejda tal-ikel.

"Issa kollu għalxejn noqogħdu nibku xortina," ħa r-riedni f'idejh Matthew li billi kien il-kbir kien diġà qed iħoss ir-responsabbiltà bħala kap tal-familja fin-nuqqas ta' missieru, "issa hemm bżonn li norganizzaw irwieħna biex niffaċċjaw din il-problema li laqtitna bla mistennija." L-ewwel problema li kellha bżonn soluzzjoni immedjata kienet min kien se jibda jmexxi n-negozju ta' missierhom.

Matthew kellu tletin sena, kien miżżewweġ lil Moira li kienet sentejn iżgħar minnu u kellhom żewġt itfal, Tamara ta' ħames snin u Daniel ta' tliet snin. Moira kienet segretarja ta' segretarju permanenti f'dipartiment tal-Gvern u Matthew kien akkawntant ma' kumpanija privata u kien jieħu ħsieb ukoll il-kotba ta' missieru.

Għax missieru kien fin-negozju. Kien jimporta u jbigħ apparat elettroniku. Ix-showroom tiegħu kienet fil-belt fejn kienu joqogħdu. Kienet showroom kbira li magħha kellu maħżen kbir daqsha. Kienet f'post ċentrali ħafna u missieru kien kuntent ħafna kif kien sejjer in-negozju. Kien beda b'ħanut żgħir meta kien għadu ġuvni u bis-snin baqa' dejjem ikabbar sakemm illum kellu n-negozju fil-pjazza prinċipali tal-belt tagħhom. Ħadd minn uliedu ma kien talbu biex jaħdem miegħu u hu ma pprova jżomm lil ħadd minnhom miegħu kontra qalbu. Barra minn hekk kien jaraha ħaġa importanti li jaħdmu ma' ħaddieħor biex jieħdu

esperjenza akbar u jagħmluha wkoll ma' nies oħrajn. L-unika waħda li kienet tmur ta' spiss ix-showroom kienet martu Josette.

Josette kienet gradwat bħala għalliema mill-Università u wara li żżewġet kienet baqgħet taħdem billi żewġha Louis kien għadu kemm bena d-dar u kellhom id-dejn mal-bank. Kull ħin liberu li kien ikollha kienet tqattgħu tgħin lil żewġha fil-ħanut l-iżjed qabel bdew ġejjin it-tfal. Meta mbagħad ix-xogħol beda miexi 'l quddiem Louis daħħal in-nies jaħdmu miegħu. Josette xorta baqgħet tmur ix-showroom meta kienet issib il-ħin għax dak ix-xogħol ta' żewġha kien jogħġobha.

Stephanie kienet taħdem bħala interior decorator ma' kumpanija kbira ta' periti. La hi u lanqas Andrè, żewġha, qatt ma kienu taw daqqa t'id fil-ħanut ta' missierha għax it-tnejn kienu mħabbtin ħafna fix-xogħol tagħhom. Andrè kien imqabbad tajjeb ħafna bħala avukat u billi ma setax ilaħħaq waħdu ngħaqad ma' żewġ avukati oħra u fformaw kumpanija b'uffiċċju l-Belt.

Kien baqa' Luke, li kien student l-Università u kien għad baqagħlu sentejn biex jiggradwa inġinier tal-elettriku, u oħthom iż-żgħira Maria, li kien għad għandha sbatax-il sena u kienet fit-tieni sena tas-Sixth Form.

"Jien l-iżjed li jien midħla tal-ħanut tal-papà imma jien m'iniex kapaċi mmexxih waħdi. Jien qatt m'għamilt ordnijiet minn barra u lanqas qatt mort fieri barra kif kien imur il-papà," bdiet id-diskussjoni Josette fuq il-problema li kien semma Matthew.

"Matthew, naħseb li l-uniku wieħed li jista' jidħol għal dan ix-xogħol huwa int," issuġġeriet oħtu Stephanie, "għax il-mamà m'għadhiex żgħira biex tidħol għal xogħol ġdid bħal dan, jien u Andrè ma nistgħux inlaħħqu bix-xogħol tagħna u t-tnejn m'aħniex maqtugħin għal dan ix-xogħol u Luke u Maria għadhom żgħar għal responsabbiltà bħal din, barra li t-tnejn għadhom jistudjaw."

"Sewwa qed tgħid oħtok, Matthew. Inti tieħu ħsieb il-kotba tal-papà u diġà għandek idea tajba dwar in-negozju tiegħu. Xi tgħid jekk ikollok tieħu n-negozju f'idejk?" qablet ommhom ma' Stephanie.

"Jien naħseb li jkun ideali għalik Matthew, li tmexxi n-negozju

int. Fuq kollox inti l-kbir fil-familja u jixraq li jkun f'idejk," kompla jsaħħaħ l-argument Andrè, ir-raġel ta' Stephanie.

"Jien ukoll naħseb li dik l-unika soluzzjoni li hemm," qalet tagħha wkoll martu Moira.

Waqa' s-skiet. Kulħadd ħares lejn Matthew ħerqan jistenna r-reazzjoni tiegħu.

"Jien naħseb li dik l-unika soluzzjoni li għandna," qabel magħhom Matthew b'ċerta preokkupazzjoni fuqu. Ilkoll ħadu r-ruħ jisimgħu dan il-kliem ta' Matthew.

"Prosit Matthew," esprimiet l-ewwel reazzjoni tagħha ommu, "aħna lkoll għandna fiduċja sħiħa fik u fil-ħila tiegħek li tkompli ġġib in-negozju 'l quddiem."

"Matthew, il-papà kien dejjem jgħidli biex nieħu kors ta' segretarja biex la nilħaq, immur segretarja miegħu. Inti żżommni segretarja miegħek?" staqsiet entużjasta Maria.

"U mela le, Maria," weġibha bi tbissima ħuha Matthew. "Kien se jżommok il-papà ma nżommokx jien!" Ilkoll tbissmu. Kienet l-ewwel tbissima li dehret fuq fommhom minn xħin saru jafu bl-inċident ta' missierhom.

"Mamà, dalwaqt is-siegħa u nofs u ħadd minna m'għadu daq xejn ma' ħalqu," qabżet Stephanie, "tridx nagħmel platt għaġin għal kulħadd?"

"Mhix idea ħażina," weġbitha, "naħseb platt għaġin kulħadd jieklu bħalissa. Xi tgħidu?"

"U kif!" qalilha Andrè. U lkoll qablu miegħu.

"Ara x'zalza jridu, Stephanie, fil-kexxun hemm il-bottijiet taz-zlazi kollha." Stephanie qamet minn postha u marret issib il-borma biex tibda ssajjar l-għaġin. Moira qamet ukoll biex tagħtiha daqqa t'id.

"Qabel ma nagħmlu l-ewwel pass aħjar niċċaraw xi affarijiet," beda Matthew.

"Bħal xiex?" staqsietu ommu.

"Biex nieħu x-xogħol tal-papà f'idejja bis-serjetà jkolli nħalli l-impjieg li għandi bħalissa," beda Matthew.

"Hekk hu," qabel miegħu Andrè.

"U meta l-papà jgħaddilu, u jalla jgħaddilu ma jdumx, jien x'nagħmel jekk inkun irriżenjajt mix-xogħol tiegħi?" esprima l-ewwel problema tiegħu Matthew.

"Għalhekk tista' sserraħ moħħok," kienet pronta ommu, "għax missierek ilu jgħid li għeja jaħdem u kien jixtieq jirtira kmieni mix-xogħol. Minn mindu kien tah dak l-attakk ta' qalb ma kienx baqa' l-istess. Kien naqaslu ħafna l-kuraġġ u ma telaqx in-negozju qabel għax ħadd minnkom qatt ma tħajjar jidħol għalih. Fuq kollox illum m'għadux żgħir, illum għandu sitta u ħamsin sena."

"Din qatt ma kont smajtha qabel!" fenda Andrè.

"Iva veru, anke jien smajtu jgħidu dal-kliem," ikkonfermat Maria.

"Mela din il-problema solvejnieha," qalet Stephanie hi u timla l-ikbar borma li kellhom bl-ilma.

"Hemm problema oħra," reġa' Matthew.

"X'inhi Matthew?" staqsietu anzjuża ommu, li kellha seba' mitt sena biex isolvu din il-problema.

"Jien ma nistax nitlaq l-impjieg tiegħi mil-lum għal għada. Irrid navża l-kumpanija sitt xhur qabel."

Kulħadd siket. Kollha fehmu li din ma kinitx problema żgħira għax in-negozju ma setax jistenna. Ma setgħux jagħlqu l-ħanut għal sitt xhur.

"M'hemmx xi ħadd mill-ħaddiema li jista' jmexxi hu sakemm insolvu dil-problema?" staqsa Andrè, "Anke jekk ikollok tmur wara l-ħin għal ftit xhur."

"Le, le, ħadd minnhom mhu kapaċi jmexxi. Bieżla u jaħdmu kemm tridhom imma biex imexxu n-negozju mhumiex kapaċi," qatgħetilhom dan l-argument Josette.

Reġa' waqa' s-skiet, miksur biss mill-ħsejjes ta' Stephanie u Moira jippreparaw l-għaġin. Sakemm isir l-għaġin u z-zalza ż-żewġ nisa bdew jippreparaw il-mejda. Malli poġġew ix-xorb u t-tazzi fuq il-mejda lkoll ferrgħu dak li kellhom aptit dak il-ħin u bdew jixorbu sakemm jasal l-għaġin biz-zalza. Ir-riħa tfuħ taz-zalza fuq in-nar fetħitilhom l-aptit wara dawk is-sigħat kollha bla jitrejqu.

“Ara, agħtuni ftit taż-żmien biex naħsibha tajjeb,” qalilhom fl-aħħar Matthew filwaqt li ferra’ tazza nbid bnin milli kien iħobb jixrob missieru u beda jlegleg bil-mod il-mod.